



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Frar 2023
(OR. en)

6350/23

LIMITE

**CORLX 187
CFSP/PESC 256
RELEX 205
COHOM 49**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998
dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. It-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tagħha.
- (2) Fit-13 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/2197¹, u r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2021/2195², li ddeżinjaw lill-Wagner Group u tlieta mill-membri tiegħu involuti fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fpartijiet differenti tad-dinja.
- (3) L-Unjoni tibqa' mħassba ġafna dwar ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, bħax-tortura u trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u eżekuzzjonijiet u qtil ekstragħidizzjarji, sommarji jew arbitrarji, imwettqa f'diversi pajjiżi, inkluż fl-Ukrajna, fil-Libja, fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), fil-Mali u fis-Sudan mill-Wagner Group.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2197 tat-13 ta' Diċembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 445 I, 13.12.2021, p. 17).

² Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2195 tat-13 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 445 I, 13.12.2021, p. 10).

- (4) B'kont meħhud tad-dimensjoni internazzjonali u l-gravità tal-attivitajiet tal-Wagner Group, kif ukoll l-impatt destabbilizzanti tagħha f'dawk il-pajjiżi, l-Unjoni tqis li l-azzjonijiet tal-Wagner Group jimminaw l-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE, b'mod partikolari l-objettiv li jiġu kkonsolidati u appoġġati d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b), ta' dak l-Artikolu.
- (5) F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tmien persuni u seba' entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2020/1998.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fid-data tal-pubblikkazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

1. L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi li tinsab fit-taqSIMA A ("Persuni fiżiċi") fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2020/1998:

A. Persuni fiżiċi

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"19.	Maxim SHUGALEY magħruf ukoll bħala Maksim SHUGALEI	Максим ШУГАЛЕЙ (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): President tal-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) Data tat-twelid: 24.2.1966 Post tat-twelid: Leningrad, l-eks USSR (issa St Petersburg, Russian Federation) Nazzjonaliità: Russia Sess: raġel	Maxim Shugaley huwa l-kap tal-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) u jaħdem direttamente taħbi is-superviżjoni ta' Yevgeny Prigozhin, li huwa l-kap tal-Wagner Group. L-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi ta' Wagner Group u rr-wol ta' Shugaley fl-FDNV jinvolvi t-tmexxija ta' propaganda favur Wagner Group u kampanji ta' diziinformazzjoni, inkluż biex tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u jiġi appoġġat l-iskjerament tiegħi, kif ukoll jinterferixxi bil-moħbi fisem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li huwa attiv fihom.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
			Numru tal-Passaport jew tal-Karta tal-Identità: 710508436 (Passaport Russu)	Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi inkluż il-Libja, il-Mali u r- Repubblika Ċentru-Afrikana. Shugaley huwa assoċjat mal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-appoġġ u l- inkoraggiement tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur Wagner Group u diżinformazzjoni.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
20.	Aleksandr Grigorievitch MALOLETKO	Александр Григорьевич МАЛОЛЕТКО (Ortografija Russa)		Aleksandr Grigorievitch Maloletko huwa kollaboratur mill-qrib ta' Yevgeny Prigozhin. L-azzjoni tiegħu bħala "difensur tal-patrija" u bħala l-Kap tal-"Veteran's Interests Defenders League" ġie mfaħħar pubblikament minn Yevgeny Prigozhin. Huwa kien qed jaħdem bħala istruttur għall-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA u huwa responsabbi talli jappoġġja l-atti tal-Wagner Group.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
21.	Konstantin Alexandrovich PIKALOV	Константин Александрович ПИКАЛОВ (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Wieħed mill-Kmandanti ta' PMC Wagner Group fl-Afrika Data tat-twelid: 23.7. 1968 Nazzjonalit�: Russa Sess: rag�el	Konstantin Aleksandrovich Pikalov, bl-isem kodiċi "Maza�" (Mazay), huwa wieħed mill-mexxejja tal-Wagner Group u huwa responsabbli għall-attivitajiet operazzjonali tal-Wagner Group fl-Afrika, b'mod partikolari fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa akkużat li kien l-istigatur tal-qtıl ta' tliet �urnalista Russi f'Lulju 2018. Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA., Fil-pożizzjoni ta' tmexxija tiegħu fi �dan il-Wagner Group, Pikalov huwa responsabbli għall-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group, fir-RCA.	+

+  U: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
22.	Dimitri SYTII magħruf ukoll bħala Dimitri SYTYI	Дмитрий СЫТИЙ (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Direttur tar-Russian house of Bangui Data tat-twelid: 23.03.1989 Post tat-twelid: Minsk (Belarus) Nazzjonalit�: Russa Sess: rag�el Indirizz: NA-SYTAIA / A1-TANKISTAZ KHRUSTITSKOGO 62 APT25 / ZP-198217 /CI St Petersburg, Russian Federation	Dimitri Sytii għandu rwol ewlieni fil-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), b'rabit mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Huwa inkarigat mit-tmexxija tal- politika ta' influenza tal-Wagner Group fir- RCA. Huwa l-kap tal-fergħa lokal tar- Russian House, il-fergħa kulturali tar-Russian foreign ministry. Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA., Minħabba l-pożizzjoni influenti tiegħu fir- RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill- Wagner Group fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
23.	Mikhail Sergeyevich POTEPKIN	Михаил Сергеевич ПОТЕПКИН (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Direttur Meroe Gold Data tat-twelid: 19.9.1981 jew 29.9.1981 Nazzjonalită: Russa Sess: raġel Numru tal-passaport: 651697952 (passaport Russu) Indirizz: Sudan Kumpaniji assoċjati: Megaline; Concord; IT-Debugger	Mikhail Poteplkin huwa direttur ta' Meroe Gold, entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut f'M-Invest, il-kumpanija omm ta' Meroe. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, b'rabit mill-qrib għal Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Poteplkin huwa assoċjat mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-aktivitajiet tiegħu, huwa jipprovd wkoll appoġġ għal tali abbużi li jitwettqu fis-Sudan..	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
24.	Alexander Alexandrovich IVANOV	Александр Александрович ИВАНОВ (Ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Rappreżentant tal-istrutturi tal-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana Data tat-twelid: 14.6.1960 Nazzjonalită: Russa Sess: raġel Indirizz: Bangui, Repubblika Ċentru-Afrikana	Alexander Ivanov huwa l-kelliem tal-Wagner Group fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa wkoll il-kap tal-“Uffiċċju tal-Unjoni għas-Sigurtà Internazzjonali” Russu, li bagħat lill-istrutturi militari Russi fir-RCA. Dawk l-istrutturi huma merċenarji tal-Wagner Group. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstrāġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA., Fil-pożizzjoni tiegħu bħala rappreżentant uffiċċiali ta' istrutturi militari Russi, huwa involut fl-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Wagner Group fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl- alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
25.	Vitalii Viktorovitch PROFILEV	Виталий Викторович ПЕРФИЛЬЕВ (Ortografija Russa)	Data tat-twelid: 11.9.1983 Post tat-twelid: Novossibirsk USSR (issa r-Russian Federation) Nazzjonalit�: Russa Indirizz: Bangui (Repubblika Ċentru- Afrikana) Sess: rag�el Numru tal-passaport: Nru 75 2987491 Data tal-konsenza: 30.3.2016 Data ta' skadenza: 30.3.2026	Perfilev huwa l-konsulent tas-sigurt� għall- President tar-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA). Huwa figura ewlenija fi �dan il- Wagner Group fir-RCA. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstragħidizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA., Minħabba l-pożizzjoni influenti tiegħu fir- RCA u r-rwol ta' tmexxija tiegħu fil-Wagner Group, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill- Wagner Group fir-RCA.	+

+  ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
26.	Andrei Sergeevich MANDEL	Андрей Сергеевич МАНДЕЛЬ (Ortografija Russa)	Data tat-twelid: 2.3.1990 Post tat-twelid: Germany Sess: raġel Numru tal-passaport: 753615660	Andrei Mandel huwa l-Kap ta' M-Invest , entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan, kif ukoll huwa involut fis-sussidjarja tagħha Meroe Gold. Huwa għandu rwol prinċipali fi ħdan il-Wagner Group fis-Sudan, b'rabit mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mill-qrib mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russia. Mandel huwa assoċjat ma' Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-aktivitajiet tiegħu, huwa jipprovd appoġġ ukoll għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fit-taqSIMA B ("Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi") fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998:

B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"6.	Lobaye Invest SARLU		Post ta' reġistrazzjoni: Bangui (Repubblika Ċentru-Afrikana) Data tar-reġistrazzjoni: 24.10.2017 Numru tar-reġistrazzjoni: M 354838 D 0001 (numru "NIF", numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa) Post prinċipali tan-negożju: Repubblika Ċentru-Afrikana Informazzjoni oħra: Fergħa ta' M-Finans	Lobaye Invest SARLU hija kumpanija privata reġistrata fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RCA), sussidjarja tal-kumpanija Russa M-Finans, ikkontrollata minn Yevgeny Prigozhin. Hija mmexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa kariga eżekuttiva għolja ma' Wagner Group u minn Yevgeny Khodotov, li huwa assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. Lobaye Invest topera minjieri tad-deheb u tad-djamanti fir-RCA. Hija ġiet assoċjata mal-operazzjonijiet tal-Wagner Group fir-RCA. Hija tiffinanza wkoll diversi mezzi tal-media, bħall-istazzjon tar-radju Lengo Songo, stazzjon tar-radju tal-Afrika Ċentrali li jagħmel kampanji ta' dīzinformazzjoni u jippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Lobaye Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Lobaye Invest tiprovd wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA.	

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
7.	DIAMVILLE		Data tar-reġistrazzjoni: 28.3.2019 Numru tar-reġistrazzjoni: CA/BG2019B519 Post prinċipali tan-negozju: Repubblika ĮCentru-Afrikana Informazzjoni oħra: individwi u entitajiet assoċjati: Yevgeny Prigozhin, Wagner Group, Dimitri Sytii, Valery Zakharov, Perfilev, Svetlana Troitskaya, Lobaye Invest	Diamville hija kumpanija faċċata użata mill-Wagner Group preżenti fir-Repubblika ĮCentru-Afrikana (RCA) għall-kummer illeġġi ta' djamanti. Hija marbuta mill-qrib mal-atturi ewlenin kollha tal-Wagner Group fir-RCA, bħal Yevgeny Prigozhin, u Dimitri Sytii, Diamville hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, hija tipprovdi appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġibok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
8.	Foundation for the Defence of National Values (FDNV) Fund for the Defence of National Values (FDNV) Foundation/organization for the Protection of National Values (FPNV)/ (FZNC) Foundation for National Values Protection		Post ta' reġistrazzjoni: Moscow (64 Zemlyanoy Val str., building 2, office 201, Moscow, Russian Federation) Sit web: https://en.fznc.ru/	Il-Foundation for the Defence of National Values (FDNV) hija marbuta mal-kap tal-Wagner Group, Yevgeny Prigozhin. Il-FDNV topera bħala l-fergħa tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Wagner Group. Hija tmexxi l-propaganda favur Wagner Group u l-kampanji ta' diżinformazzjoni, inkluż biex issaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Wagner Group u tappoġġa l-iskjerament tiegħu, u tinvolvi ruħha finterferenza moħbija f'isem il-Wagner Group fid-diversi pajjiżi li hija attiva fihom. Il-Wagner Group huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż il-Libja, il-Mali u r-Repubblika Ċentru-Afrikana. FDNV hija assoċjata mal-Wagner Group u hija responsabbi għall-appoġġ u l-inkoräġġiment tal-atti tal-Wagner Group permezz ta' propaganda favur Wagner Group, interferenza politika u diżinformazzjoni.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	Radio Centrafricaine Lengo Sengo		Post ta' reġistrazzjoni: Bangui, Repubblika Įentru-Afrikana Data tar-reġistrazzjoni: Novembru 2018 Post prinċipali tan-neozju: Galabadja Bangui, Commune de Bangui Galabadja, 8eme Arr. [GPS]-> 4.4070, 18.5465	Radio Lengo Sengo huwa stazzjon tar-radju Įentru-Afrikan involut foperazzjonijiet ta' influenza online fisem il-Wagner Group. L-għan aħħari tiegħu huwa li jimmanipula l-opinjoni pubblika. Il-kumpanija twettaq kampanji ta' diżinformazzjoni u tippromwovi l-preżenza tal-Wagner Group fir-Repubblika Įentru-Afrikana (RCA). Radio Lengo Sengo huwa ffinanzjat minn Lobaye Invest, kumpanija privata marbuta ma' Yevgeny Prigozhin u konnessa mal-Wagner Group li sservi bħala kopertura għall-aktivitajiet tagħha fir-RCA. Il-Wagner Group, huwa elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstragħidżżejjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż ir-RCA. Radio Lengo Sengo huwa responsabbi għall-appoġġ u l-inkoragiġment tal-atti tal-Wagner Group fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
10.	Meroe Gold Co. Ltd.		Post ta' reġistrazzjoni: Al-jref Għarb Plot 134 Blok 1h, Khartoum, Sudan Informazzjoni oħra: Qtugħ ta' metall ieħor mhux ferruż mill-minjieri Assoċjata ma': Al Sawlaj for Mining Ltd الصوالج Aswar Multi Activities Co., Ltd	Meroe Gold hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan. Hija marbuta mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura lis-fruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. Meroe Gold hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstragħidżżejjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fis-Sudan. Permezz tal-aktivitajiet tagħha, Meroe Gold tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
11.	M-Invest		<p>Post tar-reġistrazzjoni: d. 76 korp. 4 litera A ofis N620, prospekt Obukhovskoi Oborony St. Petersburg, Russian Federation</p> <p>Numru tar- reġistrazzjoni: 1177847044066</p> <p>Post prinċipali tan- negozju: Khartoum, Sudan</p> <p>Informazzjoni oħra: Nru tal-Identità tat- Taxxa: 7811636632, numru tal-Gazzetta tal-Gvern: 06513574</p>	<p>M-Invest hija entità ta' kopertura għall-operazzjonijiet tal-Wagner Group fis-Sudan. Hija marbuta mill-qrib ma' Yevgeny Prigozhin. Billi kien affiljat mal-militar Sudaniż, il-Wagner Group żgura l-isfruttament u l-esportazzjoni tad-deheb Sudaniż lejn ir-Russja. M-Invest hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji f'diversi pajjiżi inkluż fis-Sudan. Permezz tal-attivitajiet tagħha, M-Invest tipprovdi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fis-Sudan.</p>	+

+ ġu: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Sewa Security Services		Post ta' reġistrazzjoni: Bangui (Repubblika Įentru-Afrikana) Post prinċipali tan-neozju: Repubblika Įentru-Afrikana Informazzjoni oħra: sussidjarja ta' Lobaye Invest	Sewa Security Services hija kumpanija privata bbażata fir-Repubblika Įentru-Afrikana (RCA) li tipprovi protezzjoni għall-uffiċċiali għolja tal-gvern tar-RCA. Din isservi bħala kopertura għall-attivitajiet ta' Wagner Group fir-RCA. Hija sussidjarja ta' Lobaye Invest, immexxija minn Dimitri Sytii, li jokkupa kariga eżekuttiva għolja ma' Wagner Group u minn Yevgeny Khodotov, li huwa assoċjat ma' Yevgeny Prigozhin. SEWA Security kienet involuta flimkien mal-Wagner Group f'sensiela ta' attakki vjolenti li seħħew fir-RCA mill-elezzjonijiet presidenzjali ta' Diċembru 2020 'i hawn. Sewa Security hija assoċjata mal-Wagner Group, elenkat għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, f'diversi pajjiżi, inkluż fir-RCA. Permezz tal-attivitajiet tagħha, Sewa Security Services tipprovi wkoll appoġġ għal tali abbużi mwettqa fir-RCA.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-publikazzjoni ta' dan ir-Regolament.